# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2954

Każ Nru 4057/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xagħol

bejn

TCB Services Ltd (C 79183)

u

Muhammed Zohaib ID 281828A

Data: 8 ta' Novembru 2023

*Dwar: allegat ksur tal-Kuntratt ta' impieg in linea mal-Art.36(12) tal-Kap 452*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie intavolat fil-11 ta' April 2022, permezz ta' Rikors mill-Avukat Mark A. Mifsud Cutajar f'isem TCB Services Ltd (C 79183) fejn ġie allegat li Muhammed Zohaib (ID 281828A) li kellu kuntratt definit ta' sena kien abbanduna qabel iż-żmien l-post tax-xogħol tiegħu mingħajr raġuni valida u għalhekk kellu jħallas lura s-somma ta' tlett elef seba' mija u sittax-il Ewro u seba' u tmenin ċenteżmu (€3,716.87). L-Intimat Muhammed Zohaib, li kien assistit mill-Avukat Joseph Calleja Parnis, jiċħad dan u jgħid li ma kienx onorat il-ftehim dwar xogħol da parti tas-soċjetà rikorrenti barra milli kien qed isofri minn uġieħ sever u għalhekk kien talab it-terminazzjoni tal-impieg tiegħu.

Inżammu disa' seduti. Ai termini tal-Artikolu 78(1) Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif jispeċifika l-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

L-Intimat kien ġie ingaġġat mis-Soċjetà Rikorrenti, li hija *Recruitment and outsourcing agency* bħala *Waiter*. Huwa mbagħad ġie *outsourced* ma' kumpanijja oħra, James Caterers, iżda baqa' kuntrattjat ma' TCB Ltd. Waqt il-perijodu li kien jaħdem ma' James Caterers jgħid li kienu jtuh doveri li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk ta' *waiter*. Jgħid l-Intimat li ngħata xogħol bħal tindif ta' *toilets,* ħasil ta'l-art, żmien twil fuq dishwashing li kkawżalu uġieħ f'daharu, xogħol li ma kien bl-ebda mod jifforma parti minn doveri ta' *waiter* (Seduta

12.10.22 fol 10). Għalhekk kien inkiser il-kuntratt tiegħu. Ir-Rikorrenti tgħid li qatt ma ikkomplejna l-Intimat sakemm irċevew messaġġ biex jieqaf (Seduta 20.7.22 fol 2). Jgħid l-Intimat li ilmenta diversi drabi permezz ta' żjara lill *HR Manager* tas-Soċjetà Rikorrenti u permezz ta' *emails*.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal jinnota li l-ilmenti tal-Intimat dwar doveri li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-kariga tiegħu ta' *waiter* ma ġew bla-ebda mod kontradetti. Huwa veru ukoll illi waqt li l-vinkolu kontrattwali tal-Intimat kien mas-Soċjetà Rikorrenti u mhux mal-Prinċipal fejn kien effettivament qed jaħdem. Iżda l-elementi kontrattwali tal-Intimat riedu jibqgħu jiġu onorati mill-kuntrattur li lilu ġie *outsourced* l-Intimat. It-Tribunal imbagħad għadda biex fuq fuq jeżamina d-doveri rikjesti minn *waiter*. Ċertament ħasil ta' *toilets* u ta' l-art, ħin twil fuq *dishwahing machines* sgur li ma jaqgħux fil-mansjonijiet ta' *waiter*. Dana kollu huwa rifless fid-dokument anness mall-ittra dwar l-applikazzjoni għal *single work permit* li s-Soċjetà Rikorrenti kienet kitbet lill-*Identity Malta Agency* fis-26 ta' Lulju 2021 (Dokument Numru TB1 esibit minn Thomas Barry fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2023). Id-dokument jispeċifika l-iskop tal-pożizzjoni ta' *waiter* u d-doveri essenzjali tiegħu. Testwalment jgħid "*to provide a wide range of High Quality, Professional Food and Beverage operations in hotels and/or restaurants*". Għal dawk li huma doveri essenzjali d-dokument jispeċifika "*Proven experience in any combination of the following: Buffet Service, A La Carte Service, Banqueting Service. Guest/Customer experience Quality Service Standards*". Jidher ċar li d-doveri msemmija mill-Intimat ma kienux jiffurmaw parti minn dak mistenni minn *waiter*. Dan ifisser illi l-kuntratt attwali ta' xogħol kien qed jiġi alterat unilateralment u għalhekk miksur. Mill-Prinċipalipal effettiv u konsegwentement sar awtomatikament responsabbli il-kontraent TCB Services Ltd. Fil-hekk magħrufa *Woods Case* fl-Ingilterra l-*Employment Appeal Tribunal* qal testwalment "*An employer who persistently attempts to vary an employee's conditions of service (whether contractual or not) with a view to getting rid of the employee or varying the employee's terms of service does act in a manner calculated or likely to destroy the relationship of confidence and trust between employer and the employee. Such an employer has therefore breached the implied term. Any breach of that implied term is a fundamental breach amounting to a repudiation since it necessarily goes to the root of the contract.*" It-Tribunal huwa wkoll konxju mill-fatt li l-Intimat għamel kuntatt mal-Employer tiegħu meta fil-fatt iltaqgħa mal-*HR Manager* kif ukoll permezz ta' *emails* li bagħat. It-Tribunal iqis li meta rrizenja l-Intimat kien qed jaġixxi wara li l-kuntratt tax-xogħol tiegħu kien qed jiġi persistentement miksur.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-Intimat Muhammed Zohaib kiser il-kuntratt ta' impieg tiegħu għal raġuni tajba u suffiċjenti u għaldaqstant mhux tenut li jħallas għaż-żmien li kien għad fadal biex jintemm l-istess kuntratt.

**5, Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B' hekk jintemm dan il-każ.

(Iffirmat)

Franco Masini

Chairman